**19 ta' Frar, 1963**

**Imħallef:**

**L-Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmela Falzon et

*versus*

Maria Carmela Bondin et

**Serviġi — Preskrizzjoni kwinkwenali — Interruzzjoni ta — Testament, mezz ta' — Kontinwità ta' — Prestazzjonijiet.**

*Is-serviġi huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwenali. Il-kontinwata prestazzjoni ta' serviġi ma topera interruzzjoni ta' tali preskrizzjoni. Imma d-dikjarazzjoni testamentarja ta' l-persuna lil minn ġew resi s-serviġi, b'liema l-kreditur jiġi istitwit bħala prelegatarju u preferit, topera tali interruzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremetta li l-attriċi Carmela Falzon għal diversi snin irrendiet

servizi lill-imsemmija Giuseppa Busuttil ukoll matul l-aħħar marda tagħha, mingħajr ebda remunerazzjoni, iżda bil-promessa li tagħhom kellha tkun adegwatament retribwita, u illi l-attriċi fil-fatt ma ġietx retribwita għal dawn is-servizi u l-konvenut għalkemm interpellata irrifjutat li tirrikonoxxi d-dritt tal-attriċi għal kumpens xieraq għall-istess servizi reżi kif ingħad fuq lill-mejta Giuseppa Busuttil jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-konvenuti jew minn minnhom jiġu ikkundannati minn din il-Qorti jħallsuhom dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo b'opera ta' perit nominandi, bħala kumpens xeraq tas-servizi reżi kif ingħad fuq lill-mejta Giuseppa Busuttil, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jeċċepixxu illi, indipendentement u mingħajr preġudizzju ta' kull eċċezzjoni fil-meritu, id-domanda tal-attriċi ma tistax toltrepassa l-aħħar ħames snin, u f'dan is-sens qed tiġi eċċepita l-preskrizzjoni kwinkwenali: li fil-fatt, is-servizi pretiżi mill-attriċi ma ġewx reżi minnha, u anke jekk talvolta l-attriċi żmien ilu kienet għamlet xi faċenda ta' entità żgħira li kienet ġiet ampjament kompensata mill-istess Giuseppa Busuttil; li għalhekk id-domanda attriċi hija infondata u għandha tiġi riġetata kontra tagħha bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u dik tal-konvenuti;

Semgħet lill-attriċi u lill-konvenuta bil-ġurament u semgħet lix-xhieda li ġew prodotti;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:—

Illi l-atturi jgħidu li l-attriċi ipprestat servizi lil Giuseppa

Busuttil u lill-oħtha Paolina Camilleri, li kienu joqgħodu flimkien, mis-sena 1964 u wara 19 ta' Ottubru, 1952, meta mietet Paolina Camilleri, lil Giuseppa Busuttil biss. Ġie ippruvat li l-attriċi ma baqgħetx tippresta serviġi lil Giuseppa Busuttil wara l-11 ta' Mejju, 1956. Kwindi s-serviġi pretiżi mill-atturi għandhom jitqiesu li ġew prestati mill-attriċi lil Giuseppa Busuttil mis-sena 1942 sal-11 ta' Mejju, 1956. Għall-azzjoni tal-atturi, il-konvenuti jopponu l-preskrizzjoni kwinkwenali, u in subordine jissottomettu illi l-attriċi ma rrenditx serviġi lil Giuseppa Busuttil, u illi jekk talvolta irrenditilha xi serviġi, dawn kienu ta' entità żgħira u l-attriċi ġiet ampjament kompensata għalihom mill-istess Giuseppa Busuttil.

Ikkunsidrat rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti.

Illi huwa biżżejjed magħruf li għall-azzjoni li tirrigwarda prestazzjonijiet aventizji l-preskrizzjoni hija dik kwnikwenali kontemplata fl-artikolu 2261 (f) tal-Kap. 23, jiġifieri krediti mhux speċififlati (Vol. XXIV 1.77 XXV 1.261) u li din il-preskrizzjoni propjament ma tibdiex tiddekorri mill-aħħar servizz prestat, għaliex il-kontinwazzjoni tas-serviġi ma timportax interruzzjoni tal-preskrizzjoni a rigward tas-serviġi anterjuri, billi kull servizz jikkostitwixxi proprjament kreditu speċjali għalih (Vol. XXXV. ii 342, XXXIII. i. 285). Għalhekk b'konsegwenza tal-eċċepita preskrizzjoni lill-attriċi ma jistax jingħata kumpens għas-serviġi kollha minnha prestiżi prestati, ċioè tul iż-żmien kollu ta' erbatax-il sena minnha imsemmi, imma l-kumpens li talvolta hi għandha dritt għalih għandu jkun għal dawk is-serviġi li hi setgħet irrendiet lil Giuseppa Busuttil fil-perijodu li mhux kolpit mill-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti, ċioè dak ta' ħames snin immedjatament qabel il-5 ta' Lulju, 1961 meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni jew jista' jkun ukoll, dak ta' ħames snin immedjatament qabel ma Giuseppa Busuttil setgħet b'xi mod irrikonoxxiet il-kreditu

pretiż mill-atturi. Fl-ewwel każ prospettat, l-azzjoni ta' atturi hija preskritta, għaliex għal ħames snin qabel il-5 ta' Lulju, 1961, wieħed jasal għal 5 ta' Lulju, 1956; u kif issemma, ġie pruvat li l-attriċi ma irrendietx serviġi lil Giuseppa Busuttil wara l-11 ta' Mejju, 1956. Rigward il-kas l-ieħor prospettat, jingħad dan li ġej: Giuseppa Busuttil fil-11 ta' Awissu 1953, kienet għamlet testment fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt li in segwitu ġie minnha revokat. B'dak it-testment lill-attriċi, neputija tagħha, Giuseppa Busuttil ħalliet b'titolu ta' prelegat l-oġġetti kollha, esklużi dawk hemm indikati mobili fid-dar tagħha tal-abitazzjoni "a limine intus", kif ukoll innominata u istitwita eredi universali f'żewġ terzi ta' l-assi tagħha, u istitwit eredi fir-rimanenti żewġ kwarti ta' l-assi ereditarju tagħha, kwart kull wieħed, lin-neputijiet tagħha Antonio Theuma u Gaetano Theuma. Għalkemm fit-testment ma tingħadx ir-raġuni għaliex Giuseppa Busuttil mhux biss ħalliet dak il-prelegat lill-attriċi u lil din istitwitha eredi tagħha, imma lanqas għaliex ippreferiet lill-attriċi għaż-żewġ neputijiet l-oħra tagħha, billi ħallietilha, oltre l-prelegat, kwota akbar mill-assi ereditarju, jirriżulta mid-deposizzjoni ta' Antonio Theuma, prodotta mill-konvenuti, li Giuseppa Busuttil lill-attriċi f'dak it-testment kienet ippreferitha talli kienet tagħha. Din iċ-ċirkostanza Giuseppa Busuttil jirriżulta li irriferitha lil Antonia Theuma fis-sena 1956, meta hi kienet marret toqgħod ma' Gaetano u martu, l-imsemmija Antonia Theuma, u meta l-attriċi ma kienitx baqgħet tippresta serviġi lil Giuseppa Busuttil. L-istess ċirkostanza fil-fehma ta' din il-Qorti tikkostitwixxi rikonoxximent da parti ta' Giuseppa Busuttil tad-debitu tagħha għas-serviġi li kien ipprestatilha l-attriċi, liema rikonoxximent jikser il-preskrizzjoni li kienet ġà maturata. Kwindi l-kumpens li għalih għandha dritt l-attriċi huwa għal dawk is-serviġi li hi tippretendi li rrendiet lil Giuseppa Busuttil fil-perijodu bejn Mejju, 1951 u Mejju 1956; l-azzjoni ta' l-attriċi għas-serviġi minnha pretisi prestati lil Giuseppa Busuttil qabel id-data imsemmija ta' Mejju 1951, hija preskritta.

Ikkunsidrat fil-meritu:—

*Illi b'konsegwenza* tal-premess il-meritu tal-kawża jiġi ristrett għall-kumpens tas-serviġi talvolta prestati mill-attriċi lil Giuseppa Busuttil fil-perjodu imsemmi, ċioè minn Mejju 1951 sa Mejju 1956. Ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li l-attriċi irrendiet xi serviġi lil Giuseppa Busuttil, għaliex din iċ-ċirkostanza tirriżulta mill-kompless tal-provi: l-istess konvenuta tgħid li Giuseppa Busuttil kienet tgħidilha li lil attriċi kenet ħallsietha tax-xogħol li kienet tagħmlilha, u minn hekk isegwi illi Giuseppa Busuttil stess kienet tirrikonoxxi li l-attriċi kienet għamlitilha xi xogħol, anzi tant kienet tirrikonoxxi dan, li kif ġie pruvat, lil Antonia Theuma li kienet qaltilha li lil attriċi kienet ippreferitha fit-testment tagħha appuntu minħabba dawn is-serviġi, ċioè talli kienet taqdiha.

Illi jibqa' għalhekk li ssir l-indaġni dwar l-entità ta' dawn is-serviġi, u li jiġi stabilit il-kumpens dovut għalihom. Bejn is-sena 1942 sad-19 ta' Ottubru 1952, meta Paolina Camilleri mietet, l-attriċi tgħid li s-serviġi ipprestathom lil din ta' l-aħħar u lil Giuseppa Busuttil, u li fl-istess perjodu għal xi żmien ċioè għal xi tmien xhur, fi żmien il-gwerra, hi ħadet joqgħodu magħha f'darha lill-istess żewġ zijitha Paolina Camilleri u Giuseppa Busuttil, u dawn kienu jagħtuha xi 4s jew 5s kuljum bejn it-tnejn. Però, huwa evidenti li billi l-perjodu tas-serviġi in kwistjoni għandu jiġi kunsidrat li beda jiddekorri minn Mejju 1951, ċioè żmien wara li spiċċat il-gwerra, is-serviġi u l-ħlas għalihom riċevut mill-attriċi fl-imsemmi perjodu ta' tmien xhur ma għandux *jittieħed f'konsiderazzjoni*. *Fil*-perjodu imsemmi ta' ħames snin bejn Mejju 1951 u Mejju 1956, is-serviġi resi mill-attriċi, skond ma din tgħid, korroborata mill-kompless tal-provi, kienu dawn: kienet tmur id-dar ta' zijitha, sa meta mietet Paolina u wara l-mewt ta' din, ta' zijitha Giuseppa, darba fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta, biex tagħmel il-faċendi tad-dar, kompris ix-xogħol tal-ħasil tal-art, taħ-

sel il-ħwejjeġ, issajjar u tixtri. Kienet tmur f'xit-8 a.m. u tibqa' sat-3 p.m., akkompanjat lil Giuseppa Busuttil, a rikjesta ta' din ta' l-aħħar, xi 40 darba, bejn is-snin 1962 u l-1956, biex tmur l-Belt għal xi bżonn li kellha; liema okkażjonijiet kienu tad-durata ta' xi sagħtejn jew tliet siegħat kull darba; kważi kull darba li kienet tmur għand Giuseppa Busuttil, lil din kienet toħdilha xi affarijiet tal-ħelu, xi darba pasti, u tonfoq xi 2s, biex tmur għand Giuseppa Busuttil li kienet tonfoq kull darba 4d għall-bus.

Illi l-kumpens għal dawn is-serviġi u għoti ta' affarijiet jiġi likwidat b'dan il-mod:

a. Għal kull darba fil-ġimgħa biex tagħmel il-faċendi tad-dar u taħsel l-art kompriżi 1s. 4d li kienet tonfoq biex tmur għand Giuseppa Busuttil u tirritorna f'darha, 6s, ċioè l-kumpens li jidher li kienet jingħata bi ħlas fiż-żmien tal-perjodu imsemmi lil min, bħala serva, kien jagħmel xogħol bħal dak li ssemmi l-attriċi. Kieku l-attriċi marret għand zijitha darba fil-ġimgħa tul ta' 5 snin, kienet tkun marret 260 darba; imma kif hi tgħid, għal xi tmien xhur, meta iż-żewġ zijitha kienu jgħixu d-dar tagħha, hi ma marritx, u kwindi jridu jinqatgħu xi 34 ġimgħa jew xi 34 darba, li ma marritx, u hekk jibqa' li hi marret 226 darba, u kwindi l-kumpens għal dan ix-xogħol dovut lil attriċi huwa ta' ........... £67. 16. 0d.

b. Għal kull darba li l-attriċi marret takkompanja lil Giuseppa Busuttil, 3s, kompriżi l-ispejjeż tal-karozza li setgħet għamlet, u kwindi għal erbgħin (40) darba ... £6. 0. 0d.

c. Ma jidhirx li l-attriċi kienet tieħu l-affarijiet tal-ħelu jew pasti lil Giuseppa Busuttil kull darba li tmur għandha: hi stess tgħid li kienet tagħmel hekk 'kważi' kull darba, anqas ma jidher li l-attriċi kienet tonfoq 2s għal 4 pasti li tgħid li kienet tieħu lil zijitha, għaliex il-pasti dak iż-żmien u l-aħjar

pasti, ma jidhirx li kienu jiswew daqshekk kull waħda. Diskrezzjonalment jiġi kunsidrat li dawn l-affarijiet l-attriċi kienet toħodhom darbtejn f'xahar, u li kull darba hi kienet tonfoq 1s. Dan qed jingħand għaliex se jittieħed il-perjodu kollu ta' ħames snin, nieqsin ċertament it-tmien xhur ġià imsemmija, mentri l-attriċi tgħid li l-istess affarijiet bdiet toħodhom missena 1952, u b'konsiderazzjoni li kultant l-attriċi kienet tieħu magħha għand Giuseppa Busuttil lit-tifel tagħha, u dan għalhekk kien jiekol għandha, u l-attriċi dan l-ikel tat-tifel kienet tiffrankah. Kwindi lill-attriċi jiġi likwidat għal dawn l-affarijiet il-kumpens ta' 1s għall 226 darba jew ......... £11. 6s. 0d.

Kumpens totali ...... £85. 2s. 0d.

Illi minn din is-somma għandha titnaqqas dik li l-istess Giuseppa Busuttil kienet tagħti, u tat, *lill-attriċi*, ċioè:

a) il-5s kull erba' ġimgħat li kienet tagħtiha għall-karozza, u kwindi għal tul 260 ġimgħa ġià imsemmija ..........
£16. 5. 0d.

b) Il-prezz tal-oġġett li irregalatha, jew brazzuletta u ċurkett tad-deheb, ġiżirana, tad-deheb li jsemmi l-attur, magna tal-ħjata u xi libsa, għalkemm skartata, li kultant kienet tagħtiha, li diskrezzjonalment jiġi likwidat fis-somma komplessiva ta' ........................................ £10. 0. 0d.

£25. 5. 0d.

Illi għalhekk il-kumpens dovut lil attriċi għas-serviġi indikati fiċ-ċitazzjoni, resi minnha, lil mejta Giuseppa Busuttil, *jiġu likwidati fis-somma bilanċjali ta'* £58. 17. 0.

Għal dawn ir-raġunijiet:—

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwenali sollevata mill-konvenuti a rigward tad-domanda ta' l-atturi, għall-kumpens għas-serviġi kollha resi mill-attriċi lil Giuseppa Busuttil sa ħames snin qabel Mejju 1951 u għalhekk tirrespinġi d-domanda relativa bl-ispejjeż kontra l-atturi, tilqa' d-domanda ta' l-atturi fis-somma fuq likwidata ta' tmienja u ħamsin lira u sbatax il-xelin (£58. 17. 0d) a rigward tas-serviġi resi mill-attriċi lil Giuseppa Busuttil fil-perjodu 'l fuq indikat ta' ħames snin minn Mejju 1951, sa Mejju 1956, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.